ŻURRIEQ

# Kunsill Lokali Iż-Żurrieq

## Rapport Annwali Amministrattiv
## L-ewwel sena tal-għaxar leġislatura
## Kunsill Lokali

## Jannar, 2024- Diċembru, 2024

## *Tema: Għal Iż-Żurrieq Aħjar*

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

Din hi l-ewwel sena tal-għaxar leġislatura. Ix-xogħol ma waqaf xejn. Dejjem sar għal ġid tar-residenti u taż-Żurrieq ħolistikament.

Il-Kunsill Lokali kompla jinvesti l-maġġor parti tal-fondi tiegħu fuq tindif u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u manutenzjoni ta' bankini u manutenzjoni ta' tabelli u marki tat-toroq. Reġa sar patching madwar iż-Żurrieq kollu. It-tindif tat-toroq tkompla jsir mill-Clean Malta u ġie innutat li sar titjieb kbir f'dan il-qasam. Hafna mit-tindif ta' toroq mhux urbani, sar mill-ħaddiema assenjati lill-Kunsill.

S'issa wettaqna kollox mingħajr il-bżonn li nirrikoru għal self mill-banek u mingħajr il-Kunsill m'għamel deficit.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtina l-liġi u wettaqna ħidma soċjali.

Saru ħafna xogħlijiet f'din il-leġislatura fosthom:

- Manutenzjoni tal-letrina pubblika f'Misraħ Mattia Preti
- sar iżjed xogħol ta' refresh ta' marki tat-toroq,
- twaħħlu bins u bankijiet ġodda madwar ir-raħal,
- sar aktar dawl fit-toroq
- manutenzjoni u żebgħa ta' bankijiet
- żbier ta' siġar wara li ntalbu l-permessi meħtieġa mill-ERA,
- tħawwil ta' ħafna siġar f'postijiet diversi
- aktar tindif ta' spiss u manutenzjoni lill-ġonna pubbliċi,
- saret tiswija estensiva fi Ġnien l-Emigranti Żrieraq,
- Saret manutenzjoni fejn meħtieġ fl-akwata ta' Hal Millieri u tal-Baqqari,
- Saru diversi applikazzjonijiet biex permess ta' fondi oħra l-Kunsill jigwadanja biex isiru proġetti, fosthom smart parking fiċ-ċentru tar-raħal
- Saru attivitajiet ta' San Martin, L-Għid u l-Milied, f'Jum l-omm, attiivita sportivi, tberik tal-annimali, attiita mill-Orkestra taż-Żurrieq.
- Għamilna żieda ta' kotba,

Nittama li r-residenti jifhmu li l-Kunsill m'għandux kontroll fuq l-iżvilupp li qed isir fil-lokalita', madanakollu l-Kunsill għandu għajnuna minn Konsulent li jara kull applikazzjoni li tinħareġ. Tal-inqas l-Kunsill qed jara li l-iżvilupp qed jirrispetta l-liġijiet, il-pjan lokali u l-policies eżistenti.

Irrid nagħlaq din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill, u nħeġġiġhom naħdmu flimkien għal Iż-Żurrieq isbaħ u aktar magħqud.

Rita Grima

Sindku

Diċembru 2024

## 2.1 Il-Kunsill

Din il-leġislatura bdiet f'Lulju, 2024.

Kull Kunsillier għandu r-responsabilita ta' sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv. F'din is-sena żewġ ħaddiema klerikali taw ir-riżenja tagħhom, u wara intervisti ġew impjegati żewġ skrivani oħra fuq bażi full time. B'hekk il-Kunsill lokali issa qed jimpjega 3 skrivani full time u impjegata oħra fuq bażi reduced hours. Il-Kunsill Lokali żamm jaħdmu żewġ ħaddiema tal-IPSL u żewġ ħaddiema mill-Community Working Scheme. F'din is-senżkied ħaddiem ieħor tal-IPSL biex issa l-Kunsill għandu 5 impjegati għal xogħol fuq barra. Minnbarra dawn il-Kunsill għandu numru ieħor ta' esperti bħal perit, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn.

Il-Kunsillieri flimkien mal-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill huma:

Sindku Rita Grima - IL-QASAM SOCJALI, L-INFRASTRUTTURA –BANKINI, PATCHING, MARKI U SINJALI TAT-TRAFFIKU, FINANZI, AMMINISTRAZZJONI, L-ANZJANI U PERSUNI B'DIZABILITA'

Viċi Sindku -Ignatius Farrugia – ĠEMELLAĠĠI, L-INNOVAZZJONI

Kunsillier Marisa D'Amato - IL-HARSIEN TAL-ANNIMALI, ATTIVITAJIET KULTURALI

Kunsillier Kenneth Farrugia – L-AMBJENT U L-GONNA PUBBLICI, INDAFA

KunsillierKyle Mifsud - TFAL U ATTIVITAJIET PRINCIPALI

Kunsillier Dino Bonnici – PLANNING AUTHORITY, MEDIA u EU FUNDING

Kunsillier Marylyn Sammut – KOMUNITAJIET (BUBAQRA)

Kunsillier Jeremy Coleiro - L-EDUKAZZJONI, GAL XLOKK U ATTIVITAJIET KULTURALI

Kunsillier Daniel Muscat – SPORTS U ŻGHAŻAGH

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju

**Is-Sinjura Maria Briffa Callus**: Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani

**Is-Sinjura Charmaine Atanasio**: Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi

**Is-Sinjorina Raena Farrugia u s-Sinjura Amanda Ellul** : Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħattal-Kunsill

Fl-għaxar leġislatura bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2024 inżammu sebgħa laqgħat tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| Seduta | Rita Grima | Ignatius Farrugia | Kyle Mifsud | Marisa D'Amato | Kenneth Farrugia | Dino Bonnici | Marylyn Sammut | Jeremy Coleiro | Daniel Muscat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Seduta 1** | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Skużat | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 |
| **03.07.2024** | Time Out: 18.45 | Time Out: 18.45 | Time Out: 18.45 | Time Out: 18.45 | Time Out: 18.45 | | Time Out: 18.45 | Time Out: 18.45 | Time Out: 18.45 |
| | | | | | | | | | |
| **Seduta 2** | Time In:18.15 | Time In: 18.15 | Time In:18.15 | Time In:18.15 | Time In:18.15 | Time In:18.15 | Time In:18.15 | Time In:18.15 | Time In:18.15 |
| **10.07.2024** | Time Out: 20.10 | Time Out: 19.35 | Time Out: 20.10 | Time Out: 20.10 | Time Out: 20.10 | Time Out: 20.10 | Time Out: 20.10 | Time Out: 20.10 | Time Out: 20.10 |
| | | | | | | | | | |
| **Seduta 3** | Time In:18.00 | Time In:18.30 | Skużat | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 |
| **21.08.2024** | Time Out: 20.40 | Time Out: 20.40 | | Time Out: 20.40 | Time Out: 20.40 | Time Out: 20.40 | Time Out: 20.40 | Time Out: 20.40 | Time Out: 20.40 |
| | | | | | | | | | |
| **Seduta 4** | Time In:17.00 | Skużat | Time In:17.00 | Time In:17.00 | Time In:17.00 | Time In:17.00 | Time In:17.00 | Time In:17.00 | Time In:17.00 |
| **25.09.2024** | Time Out: 18.15 | | Time Out: 18.15 | Time Out: 18.15 | Time Out: 18.15 | Time Out: 18.15 | Time Out: 18.15 | Time Out: 18.15 | Time Out: 18.15 |
| | | | | | | | | | |
| **Seduta 5** | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 |
| **16.10.2024** | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 |
| | | | | | | | | | |
| **Seduta 6** | Time In:18.00 | Skużat | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Skużat | Time In:18.00 |
| **20.11.2024** | Time Out: 20.55 | | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | Time Out: 20.55 | | Time Out: 20.55 |
| | | | | | | | | | |
| **Seduta 7** | Time In:18.00 | Skużat | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 | Time In:18.00 |
| **7.12.2024** | Time Out: 19.35 | | Time Out: 19.35 | Time Out: 19.35 | Time Out: 19.35 | Time Out: 19.35 | Time Out: 19.35 | Time Out: 19.35 | Time Out: 19.35 |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2024 kienet waħda magħmula minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

91%mingħandil-GvernĊentrali

8% mis-sistema tal-infurzar tal-lġi u minn Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

18 % fl-Onoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati

64% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni

18% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.

Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fil-bank anke meta tqis li għad hemm cheques li mhumiex imsarfin.

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi, sinjali u marki tat-traffiku u ġodda u playing equipment.
- Saru bankini ġodda fejn kien hemm il-ħtieġa.
- Tindif ta' toroq urbani u qtugħ ta' ħaxix ħażin fit-toroq mhux urbani.
- Tħawlu iżjed pjanti fit-toroq u fejn mietu reġgħu tħawlu mill-ġdid.
- Il-Kunsill ma ħarigx tender għal xogħol ta' tindif tat-toroq mhux urbani għax l-istess xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-IPSL u mill-ħaddiema tad-direttorat tal-indafa pubblika. B'hekk il-Kunsill franka diversi flus u dawn intnefqu f'affarijiet oħra.

- Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq daħal f'proġett pilota biex il-knis jibda jsir mill-ħaddiema ta' Clean Malta. Dan il-proġett reġa ġie mġedded għal sena.

- Inħasslu z-zuntier tal-knisja u xi toroq bl-għajnuna tal-Cleansing Department.

- Il-Kunsill ingħata makkinarju biex jinkinsu t-toroq. Tali makkinarju jinżam fil-garage tal-Kunsill Lokali u jintuża mill-ħaddiem tal-Cleansing Department.

- Twaħħlu dog bins fejn kien hemm il-ħtieġa u f'postijiet fejn ma jdejqux lir-residenti.

- Twaħħlu tabelli biex jindikaw li fit-toroq hemm kolonji ta' qtates u oħrajn fejn hem mil-qniefed.

- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.

- Saru attivitajiet Kulturali għall-persuni b'diżabilta' u l-familjari tagħhom, fosthom weekend break, purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Birgu, il-fira fl-MFCC

- Saret attivita fil-Palazz tal-President fejn ġiet offruta somma flus u xi pitturi lill-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta

- F'Jum iż-Żurrieq reġgħet saret il-kompetizzjoni tal-boċċi fil-ġnien tal-Ġibjun.

- Sar l-10 kalendarju, li din id-darba esebixxa ritratti ta' persuni miż-Żurrieq waqt il-ħidma tagħhom.

- Tqassmu darbtejn boroż għall-skart organiku.

- Tkompliet il-kampanja ta' ġbir ta' batteriji u oġġetti elettroniċi żgħar.

- Il-Kunsill kompla bil-paġna tiegħu tal-face book biex jagħti aktar informazzjoni lir-residenti.

- Inbidlu l-pjanti kollha ta' Triq P P Saydon, u qed jissaqqew darbtejn fil-ġimgħa.

- Il-Kunsill reġa ħallas is-sħubija mal-Happy Paws biex jiġu neutered il-qtates fiż-Żurrieq, dan minbarra l-iskema bi ftehim ma' Vet privat, biex feeders jieħdu qtates biex jissewwew u jingħataw il-kura.

- Tqassam ikel tal-qtates lill-feeders irreġistrati mal-Kunsill Lokali.

- Sar tindif tal-culverts kollha fiż-Żurrieq.

- Ħareġ Kunsill News biex inżommu lir-residenti infurmati.

- Kull xahar baqa jiġi t-trakk Sort it out, biex ir-residenti jġibu materjal għar-reċiklaġġ fih.

- Reġa sar tiżjien tal-Milied f' Bubaqra u fi Triq GM Callus, fi Vjal il-Blue Grotto u f'Misraħ Mattia Preti u għal din is-sena iżżejnet ukoll Triq Wied Babu u Triqn Dun Ġużepp Zammit.

- Tħawlu aktar siġar fi Ġnien il-Ġibjun u taħt iċ-ċint tan-Nigret.

- Fix-xahar ta' Ottubru, il-Kunsill reġgħa xegħel il-faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill, bil-kulur roża, biex joħloq għarfien fuq il-kanċer tas-sider. F'xhur oħra inxtgħel b'kulur ieħor biex jitfakkar il-jum fuq il-Pneumonia u kundizzjonijiet oħra.

- Saret mixja b'risq il-Community Chest Fund, mil-Palazz Verdala sal-Belt fejn ġew mgħotija t-shirt u voucher.

- Sar tindif tal-katakombi madwar il-Mitħna tax-Xarolla.

- Tlesta x-xogħol ta' manutenzzjoni tal-paletti tal-Mitħna tx-Xarolla u reġgħet ġiet inawguata, filwaqt li saret attivita fl-okkażjoni tat-300 sena mit-twaqqif tal-Mitħna.

- Saret manutenzjoni ta' bandli fejn kien hemm il-ħsarat.

- Bl-għajuna ta' Clean Malta ġiet imsewwija l-funtana li tinsab fil-Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa fi Triq Bronja u qed isir it-tindif tiegħu mill-istess Clean Malta.

- Dar Mattia Preti tkompla t-tagħlim fis-snajja. Din qed tkun suċċess kbir.

- Il-Kunsill ta list ta' toroq lill-Infrastructure Malta biex isirilhom wiċċ ġdid, minħabba li jinsabu fi stat ħażin ħafna.

- Fil-ġimgħa l-kbira, reġgħu inxtgħelu s-slaleb bid-dawl ma' arbli fi Triq P P Saydon u saret wirja fil-Mitħna tax-Xarolla.

- Saru konsultazzjonijiet biex jiġu installati aktar charging points għall-vetturi elettriċi madwar Iż-Żurrieq.
- Saru sorveljanzi min uffiċċjali tal-komunita biex jinqabdu persuni li qed iħallu skart fejn mhux permess

- Tkompla s-servizz tal-community police fir-raħal, wara diversi laqgħat.

- Il-Kunsill reġa għin lil Zurrieq Wolves u Zurrieq FC f'attivitajiet sportivi, li jsiru għat-tfal

- Saru parkeġġi ġodda fi Triq San Martin u Triq Sant Agatha.

- Ser inkomplu ninsistu biex fl-ewwel Hadd tax-xahar bdew jingħalqu Triq P P Saydon u il-Misraħ biex nagħtu spazzju għal slow streets.

- Sar proġett ta' smart parking fi Triq P P Saydon, iż-żewġ Pjazez u Triq Dun Ġużepp Żammit. Dan wara li l-Kunsill mħa għajnuna kbira mir-Reġjun Punent u TM.

- Saret l-attivita' ta' Jum iż-Żurrieq – quddiesa u tqegħid ta' kuruni fuq monumenti fiż-Żurrieq.

- Saret il-manutenzjoni ta' funtani ta' Misraħ Mattia Preti u dik ta' Ġnien il-Ġibjun

- Sar refurbishment tal-letrina pubblika ta' Misraħ Mattia Preti.

- Il-Kunsill qed jieħu sehem fis-Science Club għat-tfal ta' bejn it-3 u 6 snin.

- F'Novembru inbeda l-Kunsill Lokali tat-tfal, fejn qed jiltaqgħu darba fix-xahar fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

- Bdew tħejjijiet biex isir proġett bl-għajnuna ta' fondi ta' Project Greet f'Misraħ il-Karmelitani

- Il-Kunsill applika għal fondi fuq tisbieh kapitali, biex jinbeda l-proġett ta' Misraħ Repubblika.

- Is-Sindku rrapprżentat liż-Żurrieq fil-marċ ta' protesta b'solidarjeta mal-Kunsill ta' Morphou.
- Ġew ordnati cctvs fejn il-bring in sites, cat café, Triq il-Kbira, u Triq Iskulturi Fabri.
- Saru wirjiet fil-Mitħna tax-Xarolla, ta' pitturi u ċeramika.
- Inbdew diskussjonijiet biex isir bust tat-Tabiba Maria Sciberras f'Misraħ Mattia Preti.
- Saru żewġ Christmas Markets, wieħed fiċ-ċentru taż-Żurrieq u ieħor f'Bubaqra. Fin-Nigret saret attivita' tal-Milied filgħaxija, perezz ta' Father Christmas u kant fit-toroq

***Saru dawn l-attivitajiet matul din is-sena:***

- Saru attivitajiet ta' għoti ta' demm fejn ipparteċipaw numru sostanzjali.
- Saret wirja tal-Ġimgħa il-Kbira fil-Mitħna tax-Xarolla.
- Sar il-kuċert mill-orkestra taż-Żurrieq għas-sajf u fix-xitwa
- Saret attivita' tal-Milied għall-anzjani f'lukanda.
- Dawra maż-Żurrieq b'father christmas biex iferraħ lit-tfal fin-nigret
- 5k run madwar iż-Żurrieq u tiġrija għat-tfal.
- Saret in-nofs Maratona, ġirja ta' 10k u ġirja għat-tfal
- Sar party tal-Milied għat-tfal Zrieraq
- F'April saret attivita ta' qari ta' kotba lill-anzjani fid-Day Centre.
- Il-karnival
- Ħarġiet għall-anzjani fosthom purċissjoni tal-Gimgħa l-Kbira, weekend breaks, mawra s'Għawdex, harbour cruise u ħarġiet kulutrali oħra
- Attivita ta' Jum l-Omm fil-Ġnien tal-Ġibjun
- Mawra fi Sqallija
- Attivita sportiva – coastering adventure
- Attivita ta' bnadar fil-festa ta' Santa Marija
- Autoshows
- Quddiesa ġewwa l-Palazz tal-President fejn dawk preżenti tkellmu mal-Eċċ Tagħha l-President ta' Malta
- Attivitajiet tal-Milied f'Misraħ Repubblika u f'Bubaqra
- Ħarġa għat-tfal (cinema u bowling)

### 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjonital-Kunsill hi magħmulahekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċi tal-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jesegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirate minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaqu biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

### 3.4 Konklużjoni

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul dawn l-erbgħa snin ta' din id-disa' leġislatura, ser ikun qed iħalli impatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti.

In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli investiment rejali u tanġibbli. L-indafa, l-manutenzjoni tat-toroq u l-manutenzjoni tal-postijiet ta' rikreazzjoni, biex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom, għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill. Ta' kull sena isir rapport minn health and safety officer biex tali siti jinżammu fi standard għoli ta' sigurta.

Josianne Cilia Mumford

**Segretarju Eżekuttiv**

Diċembru, 2024

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2024 (Euro) | ACTUAL 2024 (Euro) | BUDGET 2025 (Euro) |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Annual | 930000 | 1020873 | 1020900 |
| 2 | Supplementary | | | |
| 3 | Special needs | | | |
| 5 | Local Govt Schemes | 3000 | 171632.47 | 172000 |
| 6 | Other | 6000 | 79672 | 80000 |
| | | **939000** | **1272177.47** | **1272900** |
| 20 | Bye-Laws | | | |
| 21 | Community Services | 70000 | 77860 | 77510 |
| 36 | Contravention of bye-laws | | | |
| 56 | Contributions and donations | | | |
| 71 | Generali | 1000 | 65 | 60 |
| 64 | Income from administration fee | | 4554 | 4500 |
| | | **71000** | **82479** | **82070** |
| 90 | Investment | | | |
| 91 | Bank interest | 100 | 16 | 0 |
| 96 | Government securities | | | |
| | | **100** | **16** | **0** |
| 110 | Donations | | | |
| 140 | Insurance Claims | 500 | | |
| 260 | Accrued Income receivable (Grants) | 708348 | 913937 | 914000 |
| | | **708848** | **913937** | **914000** |
| | **TOTAL** | **1,718,948.00** | **2,268,609.47** | **2,268,970.00** |

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2024 (Euro) | ACTUAL 2024 (Euro) | BUDGET 2025 (Euro) |
|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | |
| 1000 | **Personal Emoluments** | | | |
| 1105 | Mayor, Deputy, Councillor's allowance | 38400 | 38581 | 38581 |
| 1200 | Employees salaries and wages | 124300 | 125995 | 133995 |
| 1300 | Bonuses | 927 | 766 | 766 |
| 1400 | Income supplements | 800 | 723.06 | 723.06 |
| 1500 | Social Security contributions | 10,000.00 | 10820 | 10820 |
| 1600 | Allowances | | | |
| 1700 | Overtime | 400 | | 300 |
| | | **174827** | **176885.06** | **185185.06** |
| 2000 | **Operations and maintenance** | | | |
| 2100 | Utilities | 10000 | 44000 | |
| 2200 | Materials and supplies | 5000 | 9700 | 9000 |
| 2300 | Repair and upkeep | 204000 | 331372 | 332400 |
| 2400 | Rent | 15600 | 12207 | 12750 |
| 2500 | International memberships | 1,300.00 | 265 | 270 |
| 2600 | Office services | 10000 | 10000 | 10000 |
| 2700 | Transport | 3,000.00 | 2000 | 2500 |
| 2800 | Gemellaggi | 3,700.00 | 952 | 3700 |
| 2900 | Information services | 10400 | 16261 | 16411 |
| 3000 | Contractual services | 259210 | 455464 | 459100 |
| 3100 | Professional services | 29500 | 22060 | 37700 |
| 3200 | Training | | | |
| 3300 | Community and hospitality | 50000 | 139721 | 120800 |
| 3400 | Incidental expenses | | 291 | 290 |
| 3600 | LES Enforcement | 800 | 4000 | 4000 |
| 8000 | Depreciation | | | |
| | | **602510** | **1048293** | **1008921** |
| 7000 | **Capital Expenditure** | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | 6000 | |
| 7100 | Construction | | | |
| 7200 | Improvements | 79000 | 7692 | 8000 |
| 7300 | Equipment | 2,000.00 | 1747 | 2000 |
| 7500 | Special programmes | 846118 | 170285 | 892118 |
| 7900 | Assets in progress | | 29493 | |
| | | **927118** | **215217** | **902118** |
| | **TOTAL** | **1,704,455.00** | **1,440,395.06** | **2,096,224.06** |

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2024 (Euro) | ACTUAL 2024 (Euro) | BUDGET 2025 (Euro) |
|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | |
| 0 | Government | 992,135.00 | 1,272,177.00 | 1,272,900.00 |
| 20 | Bye-laws | 60,500.00 | 82,479.00 | 82,070.00 |
| 90 | Investment | 50 | 16 | 0 |
| 100 | General | 693,362.00 | 913937 | 914,000.00 |
| | TOTAL | **1,746,047.00** | **2,268,609.00** | **2,268,970.00** |
| **1** | **Expenditure** | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 108,527.00 | 176,885.00 | 185,185.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 792225 | 1,048,293.00 | 1008921 |
| 7000 | Capital Expenditure | 822,084.00 | 215,217.00 | 902,118.00 |
| | TOTAL | **1,722,836.00** | **1,440,395.00** | **2,096,224.00** |
| | **Balance** | **23,211.00** | **828,214.00** | **172,746.00** |

**Dawn il-figuri huma sal -gurnata 30 ta' Novembru, 2024**

### 5.1.2 Kont tas-Savings – BOV – 17905262020

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjonital-Bank** | **1,750,277.00** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Ottubru, 2024 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **1,750,277.00** |

### 5.2.2 KontKurrenti – BOV – 17905262017

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjonital-Bank** | **52,030.00** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Ottubru, 2024 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **52,030.00** |

### Petty Cash Account

| | |
|---|---|
| **Bilanċfuq id-dikjarazzjoni** | **1.16** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Ottubru, 2024 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni | |
| **Bilanċ Nett** | **1.16** |
| | |

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv

## 6.1 Rapport tal-Awdituri u l-IstqarrijietFinanzjarji

Fil-pagnisegwentijinstabu r-rapport ta' l-Awdituri u l-IstqarrijietFinanzjarji.